**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum it-Tlieta, erbgħa (4) ta' Frar 2025

Kawża Nru 780/2024

**Il-Pulizija**
***(Spettur Josef Gauci)***

vs

**Maria Agius**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Maria Agius**, bint Adrian u Bernardette nee Meilak, imwielda fl-għaxra (10) ta' Novembru 1991 u residenti "Mater Dei", Triq Mattia Preti, Rabat, Għawdex detentriċi tal-karta tal-identita numru 1992(G) talli nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Mejju 2024 għall-ħabta ta' bejn l-għaxra ta' bil-ljel u nofs il-

lejl neqsin ħamsa (23:55hrs) ġewwa l-istabbiliment bl-isem "It-Terrazzo" li jinsab fi Triq San Xmun, Munxar:

(1) bħala persuna li ġestiet attività kummerċjali bil-permess / bla permess, liema attività seħħet f'żona urbana, u ġġenerat storbju li seta' jinstema' minn barra dan il-post u li seta' jikkawża sikkatura jew disturb lill-ġirien u dan b'daqq ta' mużika minn 'live band' jew mużika amplifikata jew b'mezzi oħra bejn 23:00hrs u 09:00hrs;[1]

(2) bħala persuna li f'isimha għandha l-liċenzja tal-ħanut bl-isem 'It-Terrazzo' li jinsab fi Triq San Xmun, ippermettiet jew ħalliet li f'dan il-ħanut (kemm bi nhar jew bil-lejl) isir kant jew ħsejjes li setgħu jdejqu jew b'xi mod ieħor jiddisturbaw lill-ġirien, u / jew naqset li tibgħat 'il barra mill-ħanut lil kull min kien xurban jew li bi kliem, ġesti jew xort' oħra wera li ried iqajjem storbju;[2]

(3) fil-fond bl-isem 'It-Terrazzo', li jinsab fi Triq San Xmun, ħaddmet jew ġiegħlet jew ippermettiet li jitħaddem loud speaker jew gramafon jew amplifikatur jew apparat ieħor simili, jew ġegħlet jew ippermettiet li jsiru ħsejjes daqshekk qawwija li dejqu lill-ġirien li joqogħdu f'bini fil-qrib.[3]

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment;

---

[1] Partita 9 Tieni Skeda Leġislazzjoni Sussidjarja 441.07
[2] Regolament 23 Leġislazzjoni Sussidjarja 10.09
[3] Artikolu 41(2)(a)(b) tal-Kap. 10.

Semgħet ix-xhieda prodotti;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti tal-każ huma s-segwenti: nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Mejju 2024 għall-ħabta tal-għaxra filgħaxija (22:00hrs) il-Pulizija fl-Għassa tar-Rabat, Għawdex rċivew telefonata minn ċertu Steve Scicluna residenti x-Xlendi li kien hemm mużika għolja ġejja mir-ristorant Terrazzo u li din kienet qiegħda iddejqu. Il-Pulizija marru fuq il-post għall-ħabta tal-għaxra u nofs ta' bil-lejl (22:30hrs) fejn hemmhekk huma tkellmu ma' ċertu Clyde Bantick. Huwa ġie infurmat bir-rapport u dan baxxa l-volum tal-mużika. Ġara li ftit wara li telqu l-Pulizija, il-volum tal-mużika reġa żdied. Scicluna reġa ċempel l-Għassa tal-Pulizija iżda l-Pulizija ma reġgħux niżlu fil-post. Infurmawh li kienu sejrin jittieħdu passi bil-Qorti u li għalhekk ma kienx hemm aktar x'jagħmlu. Peress li l-permessi tal-istabbiliment jgħajtu lil Maria Agius, il-Pulizija ipproċediet sabiex toħroġ l-akkużi fil-konfront tagħha.

Ikkunsidrat;

Mill-provi prodotti huwa ċar li dakinhar tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Mejju 2024 sar rapport dwar mużika għolja li kienet ġejja mill-istabbiliment Terrazzo. Il-mużika kienet qed tindaqq fil-ħinijiet ta' bejn l-għaxra ta' bil-lejl (22:00hrs) u nofs il-lejl (00:00hrs). Dan il-fatt irriżulta mix-xhieda mogħtija minn Steve Scicluna li kien hu li għamel ir-rapport dwar dan il-każ. Steve Scicluna ta d-dettalji eżatt dwar kif

svolġew l-affarijiet. Spjega kif hu ċempel lill-Pulizija u dawn wara xi ħin niżlu fuq il-post. Il-Pulizija kellmu lil tal-ħanut u l-mużika tbaxxiet. Iżda ftit wara li telqu l-Pulizija, il-volum reġa tgħolla u l-mużika kompliet sa ftit wara nofs il-lejl. Scicluna qal wkoll kif huwa reġa' ċempel lill-Pulizija biex jinfurmawhom li l-volum reġa' tgħolla iżda ma kinux reġgħu marru fuq il-post għax kienu qegħdin fuq xogħol ieħor. Qalulu wkoll li ma kienx hemm aktar x'jagħmlu anke għaliex il-każ kien se jispiċċa l-Qorti.

Id-difiża targumenta li żgur li kienet qed tindaqq mużika b'volum għoli qabel il-ħdax ta' bil-lejl. Pero la darba l-Pulizija fl-affidavits tagħhom ma semmew xejn aktar dwar it-telefonati ulterjuri li kien għamel Steve Scicluna dwar mużika għolja li baqgħet tindaqq wara l-ħdax ta' bil-lejl, allura ma jistax jingħad li hemm prova suffiċjenti li l-mużika kienet qed tindaqq wara il-ħdax ta' bil-lejl. Għalhekk l-akkużata għandha tiġi liberata mill-akkużi.

Apparti l-fatt li tali argument tad-difiża jolqot biss l-ewwel (1) akkuża u mhux l-akkużi rimanenti, din il-Qorti ma taqbilx ma' dan ir-raġunament. Huwa minnu li l-Pulizija fl-affidavits tagħhom m'għamlux riferenza għal dawn it-telefonati ulterjuri li daħlu da parti ta' Steve Scicluna. B'daqshekk pero ma jfissirx li dawn it-telefonati ma sarux. L-aqwa prova li setgħet iġġib il-Prosekuzzjoni f'dan il-każ kienet ix-xhieda ta' Steve Scicluna u effettivament dan xehed f'dawn il-proċeduri. Il-Qorti tagħmel riferenza għall-artikolu 638(2) tal-Kap. 9 li jistabilixxi li: *"x-xhieda ta' xhud wieħed biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox*". Il-Qorti m'għandhiex għalfejn tiddubbita mill-kredibbilita tax-xhieda mogħtija minn Scicluna u għalhekk ma tqisx li għandha

tiskartaha.  Scicluna kien preċiż fix-xhieda li huwa ta u fid-dawl tal-istess l-Qorti hija konvinta li verament l-mużika għolja baqgħet tindaqq anke wara l-ħdax ta' bil-lejl. Dan nonostante li kienet ġia inġibdet l-attenzjoni tal-persuni fl-istabbiliment biex din titbaxxa.  L-ordni ġiet rispettata biss għall-ftit minuti u imbagħad reġa' kollox *back to square one*.  Dan juri nuqqas ta' rispett sfaċċat mhux biss lejn l-awtorita iżda wkoll lejn in-nies li joqogħdu fil-viċinanzi.

- **<u>L-Ewwel Akkuża – L.S. 441.07 – Tieni Skeda Partita 9</u>**

Il-partita 9 tat-tieni skeda tagħmilha ċara li waħda mill-kundizzjonijiet li jrid josserva stabbiliment kummerċjali huwa li ma jiġux ġenerati ħsejjes bid-daqq ta' mużika minn baned live jew mużika amplifikata jew mezzi oħra li jinstemgħu minn barra l-post u li jdejqu jew jikkawżaw storbju għall-ġirien u dan bejn il-ħinijiet tal-11.00 p.m. u d-9.00 a.m. tal-għada filgħodu u bejn is-1.00 p. m u l-4.00p.m.  Minn dak li xehed Steve Scicluna, huwa ċar li dakinhar tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Mejju 2024, l-istabbiliment Terrazzo ma kienx qiegħed in ottemporanza ma' din il-kundizzjoni speċifika u l-mużika li idejjaq in-nies kompliet għaddejja wara l-ħdax ta' bil-lejl (23:00hrs).  Ta' min jgħid wkoll li skont ma xehed ir-rappreżentant tal-Awtorita Maltija dwar it-Turiżmu, għar-rigward dan l-istabbiliment ma kien hemm l-ebda estensjoni li kienet tippermetti d-daqq tal-mużika wara l-ħdax ta' bil-lejl (23:00hrs).[4]  Għalhekk din l-ewwel akkuża tirriżulta.

---

[4] Ara xhieda mogħtija minn Dr Joseph Grech fis-seduta tal-ħdax (11) ta' Diċembru 2024 a fol. 14 u 15 tal-proċess.

- **<u>It-Tieni Akkuża – Leġislazzjoni Sussidjarja 10.09 Reg. 23 u t-Tielet Akkuża – Artikolu 41(2)(a)(b) tal-Kap. 10</u>**

Ir-regolament 23 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 10.09 jagħmilha ċara li fost affarijiet oħra persuna bil-liċenzja għandha tiżgura li fil-ħanut tagħha ma jkunx hemm kant jew ħsejjes li jistgħu jdejqu jew b'xi mod ieħor jiddisturbaw lill-ġirien. Dan l-obbligu jestendi kemm għal bi nhar kif wkoll għal bil-lejl. Għalhekk kuntrarjament għall-ewwel akkuża, dan il-ksur mhuwiex marbut ma' xi ħin partikolari. Jekk ikun hemm id-disturb tal-ġirien b'kant jew ħsejjes, il-*licensee* jitqies li huwa qed jaġixxi bi ksur ta' dan l-artikolu irrispettivament mill-ħin li fih ikun hemm tali disturb. Il-fatt li kien hemm ħsejjes ħerġin mill-istabbiliment li kienu qegħdin idejqu lill-ġirien ħareġ mix-xhieda ta' Steve Scicluna. Scicluna spjega kif huwa joqgħod eżattament faċċata tal-istabbiliment Terrazzo u kif l-istorbju li kien ħiereġ mill-istabbilment kien qed idejjaq mhux biss lilu iżda b'mod partikolari lil bintu ta' sena u nofs li ma setgħetx torqod propju kaġun ta' dan l-istorbju. Din it-tieni akkuża għalhekk tirriżulta wkoll.

L-istess jista' jingħad għat-tielet akkuża. Bħat-tieni akkuża, din mhix marbuta ma' xi ħin partikolari. Jekk ikun qed jiġi ikkawżat inkonvenjent lill-ġirien permezz ta' ħsejjes riżultanti mit-tħaddim ta' xi *loudspeaker* jew xi apparat ieħor simili, dan huwa suffiċjenti sabiex jattira responsabbilita kriminali. Fil-każ in eżami kif ġia senjalat m'hemmx dubju li dan l-inkonvenjent irriżulta. It-tielet akkuża tirriżulta wkoll.

Mill-provi prodotti irriżulta wkoll li l-liċenzja tal-istabbiliment hija fuq l-akkużata Maria Agius u għaldaqstant hija bħala l-*licensee* hija responsabbli għan-nuqqasijiet

li kienu qegħdin jsiru fl-operat tan-negozju dakinhar tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Mejju 2024.

Għall-fini ta' piena l-Qorti sejra tqis it-tieni (2) u t-tielet (3) akkuża bħala komprizi u involuti fl-ewwel (1) akkuża.

- **<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikoli 41(2)(a)(b), 318 u 319(1) tal-Kapitolu 10 tal-Liġijiet ta' Malta, r-regolament 23 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 10.09, l-artikolu 18(1)(a) tal-Kap. 441, l-artikoli 15(2), 58 u l-partita numru disgħa (9) tal-Tieni Skeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 441.07 **<u>qiegħda issib lill-akkużata ħatja tal-akkużi kollha</u>** miġjuba fil-konfront tagħha u qiegħda tikkundannaha għall-ħlas ta' **<u>ammenda ta' ħames mitt ewro (€ 500)</u>**.

**Dr. Jean Paul Grech**

**Maġistrat**

**Joseph Grech**

**Deputat Registratur**